MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2007

Citazzjoni Numru. 1883/2001/1

**Emanuel Mifsud u martu Sebastiana**

**vs**

**Stephen u Mariella Sciberras**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fit-12 ta` Dicembru, 2001, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

Kien hemm kuntratt ta` xiri mill-atturi minghand l-konvenuti, u dan bil-prezz ta` Lm 14,500 korrispettiv ta` l-oggetti mobbli kollha li kienu jinsabu fil-fond Mac`s Snack Bar, Triq il-Pitkali, Attard u dana kif jirrizulta mill-ftehim bejn il-partijiet datat 31 ta` Marzu, 2001, u l-inventarju anness mieghu, liema ftehim qed jigi hawn anness u mmarkat Dokument A.

Meta gew ikkonsenjati l-istess l-oggetti mobbli kollha li kienu jinsabu fil-fond Mac`s Snack Bar irrisulta li ma kienux skond il-ftehim u skond il-kwalita` pattwita u minkejja li kien hemm talba ghar-rifuzjoni tal-prezz imhallas u ghax-xoljiment tal-istess bejgh, dan ma sarx mill-konvenuti.

Il-lamentela tal-atturi tikkonsisti filli bosta mill-oggetti mibjugha u ikkonsenjati ma kienux tal-kwalita` pattwita u cioe` a bosta minnhom ma kienux jahdmu, kienu miksura u kienu ta` kwalita` inferjuri.

Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex :

1. tiddikjara illi l-oggetti mibjugha u kkonsenjati lill-atturi mill-konvenuti u cioe` l-oggetti mobbli kollha li kienu jinsabu fil-fond Mac`s Snack Bar u dana kif jirrizulta mill-ftehim iffirmat bejn il-partijiet datat 31 ta` Marzu, 2001, u l-inventarju anness mieghu, liema ftehim qed jigi hawn anness u immarkat Dokument A, ma kienux tal-kwalita` pattwita;

2. konsegwentement tikkundanna lill-konvenuti jirristitwixxi dik il-parti mill-prezz li tigi hekk stabbilita` minn din l-Onorabbli Qorti permezz ta` periti nominandi.

Bl-ispejjez, bl-imghaxijiet mid-data ta` l-iffirmar ta` l-iskrittura, u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

1. L-eccipjenti jecepixxu illi l-pretensjonijiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dirtt stante illi l-attur Emanuel Mifsud spezzjona l-oggetti kollha elenkati fl-inventarju qabel ma gie iffirmat l-ftehim bejn il-partijiet datat 31 ta` Marzu, 2001.

2. L-eccipjenti jecepixxu illi l-imsemmi inventarju sar minn persuna imqabbda mill-attur stess u dana wara li

ghamel spezzjoni fil-fond in kwistjoni fil-presenza tal-partijiet.

3. L-oggetti indikati huma kollha tal-kwalita` pattwita ghaliex dawn baqghu jintuzaw b`mod kontinwu u regolari fil-lokal Mac`s Snack Bar kemm qabel, kif ukoll wara l-31 ta` Marzu, 2001 u tant l-atturi kienu sodisfatti bl-oggetti lilhom ikkonsenjati illi huma kienu puntwali sabiex jonoraw l-obbligu taghhom illi jhallsu s-somma ta` tlettax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm13,500) fi zmien xahar mid-data tal-imsemmija skrittura hekk kif tikkontempla l-istess skrittura.

4. In oltre l-eccipjenti ghamlu hmistax-il jum precisament wara l-31 ta` Marzu, 2001 mal-kerrej il-gdid tal-lokal Mac`s Snack Bar, certa Martin Cilia, halli dawn juruh kif ihaddem l-oggetti kollha fl-imsemmi local u kollox mexa sew u iffunzjona.

5. L-eccipjenti jirrilevaw illi l-prezz ta` erbatax-il elf u hames mitt lira Maltin (Lm14,500) gie propost mill-atturi stess wara li spezzjonaw l-oggetti kollha indikati u wara illi fil-presenza ta` persuna imqabbda u ta` fiducja taghhom ippruvaw l-oggetti kollha indikati fl-istess inventarju.

6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tal-4 ta` Dicembru, 2003, u tad-9 ta` Jannar, 2004, li bis-sahha taghhom inhatar, bhala perit tekniku, s-Sur Vincent Ciliberti sabiex jaghmel stima tal-oggetti elenkati fid-dokument X1 u dan, kemm jista` jkun, b`referenza ghad-data tal-31 ta` Marzu, 2001.

Rat il-verbali tas-seduti u tal-access mizmuma mill-perit tekniku;

Rat ir-rapport tal-perit tekniku minnu pprezentat fid-9 ta` Frar, 2005, u mahluf fl-udjenza tal-15 ta` Marzu, 2005;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti;

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi jirrizulta li l-attur huwa proprjetarju tal-fond maghruf bhala *"Mac`s Snack Bar"* fi Triq il-Pitkali, Attard. Dan il-fond ghamel zmien f`idejn il-konvenuti li, biex joperaw il-hanut bhala restaurant/snack bar, xtraw diversi attrezzi u oggetti ohra ghall-kcina. Fl-2001, il-konvenuti iddecidew li jirrilaxxjaw l-pussess tal-hanut u jbieghu n-negozju lill-terzi. Fil-fatt, certu Martin Cilia wera interess fin-negozju, u l-konvenuti ghaddew in-negozju lilu u rcevew hlas ghall-avvjament. Dwar l-oggetti tal-hanut, dan Martin Cilia ma riedx jixtrihom, u spicca xtrahom l-attur bil-prezz ta` Lm14,500. L-attur xtrahom bil-prezz indikat lilu wara li l-konvenut accertah li kienu f`kondizzjoni tajba, u xtrahom biex ihalihom fil-hanut ghall-uzu tal-inkwilin il-gdid, Martin Cilia.

Dan Martin Cilia, wara li xtara n-negozju minghand il-konvenuti u ftiehem mal-attur fuq kirja gdida, dahal fil-fond u beda jopera n-negozju billi juza l-istess attrezzi li kellhom il-konvenuti u li bieghu lill-attur; hu wkoll, ghal xi zmien, kompla jinqeda bi tnejn min nies li kienu jahdmu ghall-konvenuti fuq bazi part-time.

Qabel mal-attur xtara l-oggetti li kien hemm fil-hanut, kien sar inventarju tal-oggetti, liema inventarju sar fil-presenza tal-partijiet, ta` Martin Cilia u ta` certu Ossy Balzan, persuna imqabda minnhom biex jghin fit-thejjija tal-inventarju. Skond l-attur, waqt l-inventarju kull ma gara kien li raw l-affarijiet li kienu hemm u ghamlu lista` taghhom; skond il-konvenuti, waqt l-inventarju, huma ippruvaw kollox u kollox kien sewwa, hlief ghal-*'coffee*

*grinder’* li l-konvenuti mill-ewwel stqarru li dik ma kienetx tiffunzjona. Skond Martin Cilia, waqt l-inventarju, l-oggetti ma gewx iccekkjati izda biss maghduda, u fuq l-inventarju ntizzel li l-*“coffee grinder”* ma kienetx funzjonabbli, peress illi meta l-attur staqsa jekk l-oggetti jahdmux jew le, il-konvenut minn jeddu irrimarka li dak l-oggett ma kienx jahdem.

Wara li Martin Cilia dahal fil-hanut, hu jghid li beda jsib hafna mill-oggetti tal-hanut imkisra jew ma jahdmux. Hu kien jghid b`dan lill-konvenuti, izda il-konvenut kien jghidlu biex ma jitkellem xejn mal-attur, ghax jekk jghidlu xi haga jew jghadillu xi ilment, il-konvenut, li ghad kellu l-permess tal-hanut fuq ismu, hedded li jwaqqa` l-permess. Martin Cilia, ghalhekk, ma qal xejn lill-attur dwar l-istat tal-oggetti.

Meta sar il-bejgh tal-oggetti lill-attur, fuq il-kuntratt l-attur hallas Lm 13,500 u zamm il-bilanc ta` Lm 1,000 li kien fadal fuq il-prezz tal-oggetti sakemm idur il-permess fuqu. Meta l-permess dar, Martin Cilia qal lill-attur li kien sab hafna affarijiet nieqsa u bil-hsara. L-attur kellem lill-konvenut dwar dan, izda l-konvenut qallu li dan ma kienx minnu. Minhabba f`hekk, l-attur ghadu ma ghaddiex il-bilanc ta` Lm1,000 lill-konvenuti.

Il-konvenuti ma jaqbilx li sar id-diskors li Martin Cilia qal li ghadda bejniethom, u sar jaf li l-attur kien qed jallega li kien hemm xi affarijiet bil-hsara meta kellem lill-attur u avvzah li kien dar il-permess u talbu l-hlas tal-bilanc.

Sfortunatament, meta l-attur gie infurmat li kien hemm xi affarijiet bil-hsara, ma talabx li jsir *survey* tal-istess oggetti, u dawn l-oggetti gew ezaminati biss fit-30 ta` Marzu, 2004, mill-perit tekniku nominat mill-Qorti. Dan ezamina l-oggetti li kien hemm fil-hanut u bhala oggetti mhux funzjonabbli sab is-segwenti oggetti: wahda miz-zewg chest freezers li kien hemm fil-hanut; potato peeler; toaster tal-marka *“Rowlett”*, zewg insect killers; Radio sterio tal-marka *“Fisher”*, coffee machine; coffee grinder, u electric processor. Minn dawn l-oggetti, il-konvenut jghid li kienet biss il-coffee grinder li ma kienetx qed tahdem

meta telaq il-hanut minn idejh, u l-attur kien jaf, ghax gie infurmat, b`dan il-fatt.

Il-Qorti ezaminat il-provi prodotti u hija inklinata taccetta t-tesi tal-attur li uhud mill-oggetti konsenjati ma kienux tal-kwalita` pattwita.  Ghalkemm l-oggetti tal-bejgh kienu, ovvjament, fi stat sekonda mano, u allura x-xerrej ma kellux jippretendi li l-oggetti jkunu fi stat perfett u bla ebda difett, l-oggetti jridu xorta wahda jservu ghal-uzu taghhom. Ghalkemm il-haddiema tal-kcina, Paul Bonello u Claudia Sciberras, li baqghu ingaggjati minn Martin Cilia, qalu li huma sabu kollox fl-istat li hallewh meta l-konvenut ghadda n-negozju lil Martin Cilia, u li komplew jahdmu u juzaw l-istess affarijiet bhal qabel, dawn ma kienux midhla sew tal-affarijiet li kien hemm fir-restaurant area tal-hanut, u ghalkemm dawn komplew juzaw l-istess affarijiet li kien hemm qabel, ma hux eskluz li kien hemm affarijiet ohra li ma kienux juzaw u li kienu bil-hsara.  Ix-xhud Paul Bonello qal li l-bank tal-friza kien jahdem u kien juzah, pero`, irrizulta li kien hemm zewg freezers, u dan ix-xhud ma indikax li t-tnejn kienu funzjonabbli.  L-oggetti l-ohra, hlief il-potato peeler, ma jkunux fil-kcina, u dawn ix-xhieda ftit li xejn jafu dwarhom.  Ix-xhud Paul Bonello ma jafx lanqas li kien hemm electric processor fil-hanut, u ghalkemm kien gieli jara lill-konvenut juza l-potato peeler, hafna drabi hu kien isib ic-chips lest.  Fil-fehma tal-Qorti, dawn iz-zewg xhieda ma tantx urew certeza f`dak li kienu qed jghidu.

Inoltre, dawn iz-zewg xhieda ikkontradixxu lill-xulxin fuq diversi dettalji.  Hekk, Paul Bonello jghid li s-Sibt fil-ghaxija kienu jkunu hu u Martin Cilia biss fil-hanut; Claudia Sciberras tghid li hi kienet tkun hemm ukoll.  Paul Bonello jghid li hu kien juza biss ic-chip pan u t-tavla li fuqha kien issajjar il-laham u l-hamburgers; Claudia Sciberras tghid li hu kien issajjar bhala u juza l-attrezzi kollha.  Dawn id-diskrepanzi, u ohrajn, fix-xhieda taghhom itelfu mill-kredibilita` li tista` tinghatalhom.

Min-naha l-ohra, Mary Rose Azzopardi, li kienet is-siehba ta` Martin Cilia meta dan ha l-hanut, u kienet tghinu b`mod regolari, xehdet b`mod car u dettaljat li, hekk kif bdew joperaw il-hanut, sabu, ftit ftit, diversi oggetti mhux

funzjonabbli. Uhud mill-affarijiet li kienu mhux funzjonabbli gew irrangati mill-attur jew min Martin Cilia stess, u dana peress li kienu indispensabbli ghat-tmexxija tal-hanut, pero`, kien hemm affarijiet ohra li kienu u baqghu mhux funzjonabbli anke meta gew ezaminati mill-perit tekniku.

Il-fatt li l-konvenuti jghidu li, waqt it-thejjija tal-inventarju, kien hemm ukoll oht il-konvenut, Claudia Sciberras, li ghinithom jippruvaw l-affarijiet, izda din Claudia Sciberras qalet li ma kienetx hemm waqt l-inventarju, ma tantx jghin ghal kredibilita` tal-konvenuti.

Meta Mary Rose Azzopardi xehdet in kontro-ezami, ir-relazzjoni li kellha ma Martin Cilia kienet zmien li itterminat, pero`, xorta wahda baqghet izomm il-posizzjoni taghha, sinciera fil-fehma tal-Qorti, li fil-hanut bdew isibu diversi oggetti li ma jahdmux. Fuq kollox, meta l-konvenuti hadu l-kirja tal-hanut, huma xtraw id-diversi oggetti li kellhom bzonn, pero`, ma jirrizultax li tul is-sitt snin li ghamlu fil-hanut, biddlu xi haga mill-oggetti li kienu xtraw, u tul dan iz-zmien, mhux probabli li xi oggett ma jmurx bi hsara jew li kull haga tibqa` funzjonabbli.

Kif qalet din il-Qorti fil-kawza <u>“Cassar vs Psaila”,</u> deciza fil-31 ta` Jannar, 2003, *“mhux kwalunkwe tip ta` konflitt ghandu jhalli lill-qorti f`dak l-istat ta` perplessita` li minhabba fiha ma tkunx tista` tiddeciedi b`kuxjenza kwieta u jkollha taqa` fuq ir-regola in dubio pro reo. Fi kwistjoni ta` kredibilita` u apprezzament ta` provi, il-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutamnt jemininx l-ispjegazzjoni, imma jekk dik l-ispjegazzjoni hiex possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkustanzi zvarjati tal-hajja”*. Din il-Qorti tara li t-tesi tal-attrici hija verosimili u konvincenti. Ix-xhieda ta` Mary Rose Azzopardi kienet tidher *“matter of fact”*, u ma tidhirx li hi kienet qed tivvinta jew kompartecipi f`xi komplot.

L-attur f`din il-kawza mhux qed jitlob it-thassir tal-bejgh, u, ghalhekk, ma kienx necessarju li hu jirrifjuta l-konsenja. Hu, fil-fatt, zamm l-oggetti u qed jitlob tnaqqis fil-prezz peress li uhud mill-oggetti ma kienux tal-kwalita` patwita. Hu veru li dam ma ressaq l-ilmenti tieghu, pero`, l-oggetti

kienu f`hanut mikri lill-terzi, u ma kienx jaf bil-hsarat li kien hemm, qabel ma t-terz infurmah. Ir-raguni ghala dan dam ma jinforma lis-sid il-kera b`dak li kien isib, tidher ukoll plawsibbli u verosimili, u ghalhekk, kollox ma` kollox, il-Qorti tqies li l-attur irnexxielu jipprova l-kaz tieghu.

Dwar b`kemm il-prezz ghandu jonqos, il-Qorti, wara li rat l-atti kollha tal-kawza, tqies li ghandha tasal ghal-figura *arbitrio et boni viri*, u dana peress ma jirrizultax car x`valur inghata lill-oggetti li kienu mhux funzjonabbli, u lanqas ma jirrizulta x`intefaq mill-attur biex sewwa xi oggetti jew biex jirranga l-hsarat li halla warajh il-konvenut. Il-Qorti mhux sejra tiehu in konsiderazzjoni l-coffee grinder, u l-ispiza li ntefqet fuqha biex tigi irrangata, u dan peress li l-attur kien jaf li din ma kienetx tahdem, u xorta wahda xtraha u accetta konsenja taghha. Ghalkemm l-attur jallega li Martin Cilia kien qallu li kien hemm ukoll xi oggetti nieqsa mil-lista tal-inventarju, ma giex indikat x`hemm nieqes, u meta l-Qorti qablet il-lista tal-inventarju mal-lista tal-oggetti li sab fuq il-post il-perit tekniku, ma setghetx tikkonstata li kien hemm xi haga nieqsa. Il-Qorti tqies li ghandu jkun hemm tnaqqis ta` Lm400 mill-prezz patwit peress li kien hemm xi oggetti mhux funzjonabbli ghal kollox.

Dwar il-prezzijiet patwiti ghall-oggetti funzjonabbli, il-perit tekniku, li kellu jaghmel stima tal-oggetti, kemm jista` jkun, b`referenza ghad-data tal-31 ta` Marzu, 2001, qies li l-oggetti li kienu funzjonabbli kellhom valur ta` Lm9,589. Il-prezz patwit kien ta` Lm14,500, liema prezz kellu jirrifletti l-oggetti fi stat tajjeb ta` kwalita`. Mid-differenza fil-valuri, jidher li, apparti li kien hemm xi oggetti mhux funzjonabbli (stmati Lm400), l-oggetti l-ohra lanqas ma kienu fi stat tajjeb, tant li l-perit tekniku hareg stima ta` madwar Lm4,500 anqas mill-prezz mitlub. Ovvjament, la darba l-istma saret fl-2004, l-istima tal-perit tekniku necessarjament kella tkun wahda approsimattiva, u lanqas m`ghandu jigi negat id-dritt tal-konvenuti li jippruvaw jaghmlu xi profit minn negozju. Jidher, pero`, li kien hemm differenza kbira bejn il-kwalita` tal-oggetti kif garantita mill-konvenuti u rifless fil-prezz, u l-kwalita` effettiva tal-oggetti mibjugha, u *arbitrio et bon viri*, il-Qorti tillikwida din id-differenza f`ammont ta` Lm2,000.

Kwindi, l-konvenuti ghandhom jirrifondu lill-atturi, mill-prezz patwit, is-somma ta` Lm2,000, peress li l-kwalita` tal-oggetti kienet inferjuri minn dik patwita, piu` Lm400 ghall-oggetti li kienu assolutament mhux funzjonabbli; b`kollox Lm2,400.

Il-konvenuti ippruvaw jitfghu dubju dwar kemm l-oggetti in kwistjoni jappartjenu, fil-fatt, lill-attur. L-iskrittura tal-31 ta` Marzu, 2001, hi, pero`, cara meta tindika lill-attur bhala x-xerrej. Ghalkemm jidher li bejn l-attur u Martin Cilia sar xi negozju iehor dwar dawn l-oggetti, ma jirrizultax li dawn l-oggetti gew trasferiti ghal fuq Martin Cilia, u l-attur jidher li ghadu l-proprjetarju ta` dawk l-oggetti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, u tilqa` t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti jirrifondi lill-attur is-somma ta` Lm2,400 (elfejn u erbgha mitt lira Maltin), rapprezentanti dik il-parti mill-prezz tal-oggetti mibjugha peress li uhud mill-oggetti ma kienux tal-kwalita` patwita jew kienu bil-hsara, u dana bl-imghax legali mill-31 ta` Marzu, 2001, sal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu, fic-cirkustanzi, kwantu ghal terz (⅓) mill-attur u zewg terzi (⅔) mill-konvenuti.

IMHALLEF

DEP/REG

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------